MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2015

Numru. 371/2011

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs**

**Pierre William Buontempo**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Pierre William Buontempo detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 311370M.

Akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer, bejn Ottubru 2009 u April 2010 b' diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet specifikat, u cioe' ha u zamm ghandu ammont ta' flus li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Charles De Giorgio Limited, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, Industrija, kummerc, Amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

Kif ukoll talli bejn Novembru 2008 u Awwissu 2009, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, b' mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' ntraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' madwar mitt ewro €100) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

U aktar talli b' hekk sar recidiv a terminu ta' l-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 5 ta' Mejju, 2009.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 1 ta' Marzu, 2011 (esebit a fol. 4 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali in kwantu jirrigwarda t-Trattazzjoni finali.

Semghat it-Trattazzjoni finali maghmula mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Il-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fl-20 ta' Awwissu 2010 l-Pulizija rcevew rapport mill-Ministeru tas-Sahha u tal-Kura tal-Anzjani (vide Do. AG1 a fol. 29 tal-atti processwali) rigwardanti l-imputat li dak iz-zmien kien rapprezentant tal-kumpanija Charles Degiorgio Ltd. Kienet saret ukoll inkjesta interna relatata ma' dan il-kaz minn Charmaine Attard li kienet responsabbli min-Nursing Services. Dan ir-rapport kien jirrigwarda terapija partikulari maghrufa bhala Vacuum Assisted Closure Therapy liema terapija ma kinitx tinghata b'xejn fl-Isptar Mater Dei u l-pazjenti kellhom ihallsu ghaliha huma. Minn stharrig li kien ghamel id-Dipartiment tas-Sahha hareg li kien hemm hames pazjenti li kienu ghamlu uzu minn din it-terapija u l-isem tal-imputat kien isemma. L-imputat li kien rapprezentant tal-kumpanija Charles Degiorgio Ltd li kienet tipprovdi l-apparat ghal din il-kura, kien prezenta lilu nnifsu bhala tabib. Kien hemm ukoll allegazzjoni li Deputy Nursing Officer Alex Manche minn S4 kien qieghed jitlob ghall-hlas tal-kura li kienu qeghdin jiehdu dawn il-pazjenti u dan waqt il-hin tal-qadi tax-xoghol tieghu. Hareg li l-kumpanija Charles Degiorgio Ltd kienet impjegat lill-imputat bhala

Sales Representative u kien jirraprezenta lill-kumpanija f'Mater Dei specjalment fejn tidhol il-kura ghal VAC Therapy fejn kien hemm madwar tnax-il magna l-isptar provduti mill-kumpanija ghal dan il-ghan. Hija prassi li sales representative jinghata day access card ghall-isptar izda sar maghruf li l-imputat kienet inhargitlu access card permanenti fejn huwa kien jidher bhala Consultant Tissue Viability Unit. Qabel l-2009, l-isptar Mater Dei kien jaghmel direct order ghal xiri ta' din il-kura u kien ihallas l-istess pazjent li kien jaghmel uzu minnha. Invoices mahruga mill-kumpanija Charles Degiorgio Ltd hareg li kien hemm diversi hlas ghal dan is-servizz kif ukoll ghal hlas ta' Nurse li skond l-imputat kien qallhom li kienet saret vista gewwa r-residenza tal-pazjent. Deher pero, li pazjent minnhom li kien ghamel uzu minn dan is-servizz inghata credit note. Gara li l-imputat kien tkecca mill-kumpanija li kien jahdem maggha u David Stellini il-Managing Director tal-kumpanija nduna li kienu saru rregolaritajiet mill-imputat f'Mater Dei fejn deher li huwa kien qieghed jaghmilha ta' tabib. Mill-istharrig tal-Pulizija instab li skond l-inkjesta interna kienet inharget access card ghall-imputat li kienet tindika li huwa konsulent fit-Tissue Viability Unit. L-imputat kien jilbes card li juri li huwa konsulent u anki kien jghid li huwa gradwat fil-farmakologija u li kien jaghmel parti mit-team forensiku tal-Pulizija. Huwa kien jidhol f'diversi wards bl-access card li kellu.  Meta l-Pulizja kellmu lil Noel Abela bhala Head Infection Control f'Mater Dei irrizulta inoltre li l-imputat kien ha tlett dozi ta' vaccine tal-Hepatitis B u blood test minghajr hlas bhala impjegat tal-Isptar Mater Dei u wara li huwa wera t-tag li nhargitlu mill-isptar. L-istess imputat kien mar fis-sezzjoni tala tal-isptar sabiex tinhareg permanent access card fejn qallhom li huwa kien specjalista li kien ser jahdem fit-Tissue Viability Unit. Wara tlett gimghat li l-imputat rega' mar ikellem l-amministrazzjoni halli tinhareg card bhala konsulent sabiex ikun jista' jaghmel xoghlu ahjar u fil-fatt nhargitlu tag li kienet tindika li huwa

kien Consultant VAC and Magnet Therapy. Wara li nhargu t-tags indikati Yvette Bonnet li kienet hargithom ghall-imputat rat li ma kien hemm ebda file dwaru u wara li gie verifikat li huwa kien impjegat ta’ Charles Degiorgio Limited l-imputat intalab jirritorna it-tag li taghtih permanent access sabiex tinhariglu ohra bhala sales representative. It-tag li kellu giet imwaqqfa u ghalhekk l-access ghal gewwa l-isptar Mater Dei twaqqaf. Meta l-imputat mar ikellem lil Yvette Bonnet qallha li huwa kien gradwat mill-Italja u kellu bzonn it-tag halli jaghmel uzu sabiex jiehu l-esperenzja u ndikalha li kien ser icempel lil Prof Laferla sabiex tinhareg reference letter izda dan qatt ma sar.. Meta rega’ gie imsejjah mill-amministrazzjoni tal-Isptar l-imputat sostna li kien irritorna lura l-card lil Yvette Bonnett u ghamel affidavit f’dan is-sens. Mill-istharrig tal-Pulizija irrizulta li l-imputat ma kienx imnizzel f’ebda lista ta’ professjonisti.

Il-Pulizija komplew jinvestigaw fejn kelmu wiehed mill-pazjenti li ghamel uzu mis-servizz offrut mill-imputat. Meta kellmu lit-tifla ta’ Salvatore Farrugia u cioe’ Joanna Farrugia qalet li missierha kien ghamel operazzjoni fejn sariltu amputazzjoni u gie rakkomandat ghall-kura tal-Maggot Therapy u huma kienu konxji li kellhom ihallsu ghal dan is-servizz fejn b’kollox effetwaw pagament ta’ €2026.03. Joanne Farrugia kienet thallas lill-imputat bi flus kontanti jew altrimenti b’cheques pagabbli lilu u nharget fattura minn Charles Degiorgio Limited. Tlett cheques kienu gew depozitati f’kont fuq isem il-mara tal-imputat mal-HSBC Bank plc. L-istess gara ghal pazjenta ohra Maria Concetta Muscat fejn wara operazzjoni gie suggeriet li taghmel uzu mill-VAC Therapy. It-tifla tal-pazjenta Lina Vella qalet li kienet halset Lm100 ghal din il-kura fejn kienet ghaddiet dawn il-flus lin-Nursing Officer bl-isem ta’ Colette izda dawn il-flus qatt ma gew mghoddija lil kumpanija Charles Degiorgio Ltd. Meta l-Pulizija kienu kellmu lil Colette Crip hareg li hija kienet

ghaddiet il-flus lill-imputat ghal din it-terapija skont kif kien jghidilha hu. Huwa dejjem kien jghidilha li sejjer jibghat l-ircevuti lill-pazjenti. Pazjenta ohra Carmen Ellul kienet dahlet l-isptar fejn giet operata u kellha taghmel uzu minn Maggot Therapy. Meta l-Pulizija kienu kellmu lit-tifla taghha Elizabeth Ellul irrizulta li din kienet halset is-somma ta’ 346.03 Euro lill-imputat ghal dan is-servizz u ma nghataw ebda invoice ghal dan is-servizz.

Meta gie interrogat[1] l-imputat fuq dan il-kaz huwa qal li kien impjegat mal-kumpanija Charles Degiorgio Ltd fejn kien jippromwovi l-VAC Therapy. Huwa kien registrat mal-ETC bhala self-employed Medical Consultant. Huwa kompla jghid li kull ma kellu tlett ‘A’ Levels izda kien veru li ghamel xi zmien registrat ma’ Universita’ fl-Italja izda qatt ma kien segwa l-kors u ghalhekk ma kellux dottorat fil-farmakologija. Huwa nnega li fil-fatt l-isptar kienu ghaddewlu card fejn huwa kien jidher li huwa Medical Consultant fil-VAC and Maggots Therapy. Huwa kkonferma fil-fatt li kien ha xi vaccines mill-isptar b’xejn izda nnega li qatt qal li huwa kien jahdem fid-Dipartiment tal-forensika tal-Pulizija. L-imputat inoltre ma nnegax li seta’ ha xi flus izda qal li kien lest li jhallas lill-kumpanija dak kollu li seta’ talvolta jkun dovut. Rigward il-pazjent Salvatore Farrugia qal li huwa ghamel kollox tramite kumpanija ohra izda minn verifiki li saru mill-Pulizija hareg li lanqas biss kellhom records fuq dan il-pazjent. L-imputat ikkonferma li kien jiddepozita c-cheques fil-kontijiet bankarji tal-mara tieghu u dan minhabba xi mandati li kellu fuq il-kontijiet tieghu.

Fis-seduta tal-4 ta’ Lulju 2014 xehed l-imputat Pierre William Buontempo

[1] Waqt il-kors tax-xhieda tal-ispettur gew esebiti diversi dokumenti relatati mal-investigazzjoni fosthom dok AG 1 (rapport maghmul minn investigazzjoni nterna gewwa l-isptar Mater Dei), dok AG 2 (parking permit) u informazzjoni dwar l-imputat a fol 35, diversi cheques mahruga fuq isem l-imputat (a fol 43 sa fol 47) mahruga minn Joanne Farrugia u Anne Farrugia. Filwaqt a fol 55 giet esebita l-istqarrija tal-imputat. Giet esebita wkoll sentenza fil-konfront tal-imputat (dok AG 15 a fol 66).

fejn qal li fiz-zmien bejn is-sena 2009 u 2010 kien impjegat mal-kumpanija Charles Degiorgio Ltd. Huwa kien impjegat maghhom fuq affarijiet ta’ terapija fuq il-VAC Therapy and Maggots Therapy. Din it-terapija kienet tinvolvi billi jintuzaw maggots ghal fuq il-feriti wara xi qtugh. Huwa qal li kien inghata forma ta’ training mill-kumpanija KCI fuq il-VAC Therapy. Huwa spjega kif tahdem din it-terapija u spjega li kienu ta’ Charles Degiorgio li kienu jissuplixxu. Huwa qal li l-Awtorita’ minn naha tal-Gvern kienu infurmawhom li din it-tip ta’ terapija kienet se tieqaf u ma jibqax ihallas ghaliha l-Gvern. Huwa qal li kien ghamel laqgha biex jaraw jekk ikunx possibli li l-pazjent ihallas ghal dan is-servizz minhabba li l-Gvern kien se jwaqqaf kollox u cioe’ li ma kienx se jhallas aktar ghaliha. Wara gie deciz li ghal dan is-servizz kellu jkun hemm hlas ghalih liema hlas kellu jkun minn naha tal-pazjent u kienet tithallas il-kumpanija ghal dan ix-xoghol.

Wara li hareg artiklu fuq gazzetta minhabba xi hlas fuq servizz li kien qieghed jinghata gewwa Mater Dei, certu Glen Bugeja ghamel kuntatt mal-imputat sabiex huwa jaghtih spjegazzjoni fuq dak li seta’ gara. Fil-fatt Bugeja baghat email (Dok PWB 5) fejn talab informazzjoni fuq il-pazjenti li ghamlu uzu minn dan is-servizz. Din l-informazzjoni giet mghoddija kif mitluba. L-imputat imbaghad spjega li huwa kien telaq minn mal-kumpanija Charles Degiorgio Limited u sostna li qatt ma qalilhom li huwa kien spizjar u fil-fatt qabel telaq kienu tawh somma ta’ 1500 Euro (dok PWB 6 u PWB 7). Huwa qal li fil-fatt huwa kien beda jahdem mal-kumpanija Charles Degiorgio b’kuntratt ta’ 600 Euro fix-xahar bhala Consultant minhabba li huwa kien licenzjat mal-Medicines Authority ghal skop ta’ Labelling Department (dok PWB 8). Wara huwa beda’ jahdem ma’ kumpanija ohra li kienet kompetitur ta’ Charles Degiorgio u minn hemm beda l-inkwiet. Meta kellmuh il-Pulizija huma

bdew jistaqsuh fuq xi ismijiet ta' pazjenti li kienu hadu xi kura. Fil-fatt kien l-Ispettur Gafa' li cempel lil Albert Buttigieg sabiex jistaqsih ghal xi ismijiet ta' pazjenti izda l-imputat kien offra li jaghtih l-informazzjoni kollha. Huwa qal li l-ispettur ma kienx tah cans jispjega li bhal kaz ta' Joanne Farrugia l-invoice kienet harget fuq Nova Pharmacy u mhux fuqha personali u kien ghalhekk li Buttigieg ma sabx l-invoice meta gie mitlub jiprovdiha mill-Pulizija. L-imputat innega li huwa kien ha xi materjal minghand Charles Degiorgio Limited minghajr hlas.

Meta saret referenza ghall-istqarrija li kien ghamel (a fol 59) fejn huwa kien irrisponda li kien zamm xi flus ta' Charles Degiorgio l-imputat spjega li meta qal dan id-diskors ried ifisser l jekk kien hemm xi misunderstanding kien lest li jirregola ruhu. Huwa qal li qatt ma gie nterpellat minn Charles Degiorgio Ltd fuq xi flus dovuti lilha. Huwa zied li minhabba li kienu jigu ordnati dawn il-maggots kienu jingiebu minn barra minn Malta. Kien ghalhekk li huwa kien jitla' bil-karozza tieghu bl-arja kondizzjonata mixghula halli jwassal il-prodott malajr sakemm igiebu quddiem il-pazjent. Huwa kien jipparkja gewwa l-isptar u kien ihallas ta' dan il-parkegg. Kien ghalhekk li huwa kien ghamel arrangamenti halli jkollu parkegg halli jkun jista' jwassal il-materjal. Huwa qal li kien hemm differenza bejn cards li wahda li kienet tintuza halli jkun jista' jipparkja u l-ohra kienet tintuza biex tiftah il-bibien xi haga li huwa ma kellux bzonn. Huwa qal li l-bibien kienu jifthuhomlu. Huwa qal li kienu ivvintaw li huwa kien jghid li huwa 'Doctor' tant li l-istess Corinne Ward kienet tohrog certifikati fejn huwa kien jitnizzel bhala Mister. Huwa qal li kien idur ma' Mr Cassar fil-ward rounds tieghu u kien jara diversi nies bil-feriti u minhabba f'hekk Mr Cassar kien qallu li jekk ma jkunx ha l-vaccines ma setax ikompli jidhol hdejn il-pazjenti. Dan Cassar kellem lil Leonard Schembri fejn qallu sabiex jaghtih l-injections necessarji. Kien ghalhekk

li dan Schembri hadu sabiex jiehu l-vaccine fejn marru ghand Noel Abela u ha l-injection u wara l-ewwel injection baqa' jiehu l-kors taghhom (dok PWB). Huwa qal li fil-fatt ma kienx isib problema li jhallas din l-injection ghax l-employer tieghu kien anki jhallas il-fuel li kien juza. L-imputat qal li Noel Abela kien ben konxju li huwa kien medical representative u mhux impjegat tal-isptar. L-imputat qal ukoll li ghalkemm kien jithallas b'cheque fuq ismu fejn kien jigi depozitat fuq isem il-mara, kien jara wara x'ghandu jaghti lil kumpanija u jhallas taghhom. Huwa zied jghid li meta qal fl-istess stqarrija li kien ghamel mal-Pulizija, huwa ma riedx jghid li huwa kellu jaghti xi haga lil Charles Degiorgio izda li jekk kien hemm xi zball seta' jirrangah. Huwa qal li kienet tigi naturali mill-pazjent li huma kienu jaghmlu c-cheques fuq ismu minhabba li huwa kien jarahom ta' spiss. Huwa zied jghid li meta qal li kien lest li jikkompensa dak kollu li huwa dovut lil Charles Degiorgio fl-istqarrija, dan qalha biex ifittex jitlaq 'l hemm.

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat qieghed jigi akkuzat bir-reat t' approprjazzjoni indebita taht l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Illi ghalkemm l-Artikolu 293 jispecifika illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni kriminali hija mehtiega l-kwerela tal-parti offiza, madanakollu l-artikolu 294 jiddisponi illi l-azzjoni titmexxa ex officio mill-Pulizija meta l-oggett jigi fdat jew ikkunsinjat lil hati minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni deciza fid-9 ta' Gunju 1998, il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-element essenzjali li jsawwru dan ir-reat.

> *"Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."*

Illi ghalhekk l-awtur ta' dan ir-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor daqs li kieku huwa kien il-proprjetarju ta' l-istess oggett.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

> *"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio" (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)*

Illi f'sentenza ohra deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali moghtija fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs John Gauci deciza fl-14 ta' Frar 1997, l-Qorti tispjega b'mod semplici l-elementi ta' dana ir-reat:

> *"Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "...taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu*

*mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'.*

*Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u provata' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers."*

Illi dwar id-dolo mehtieg ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat il-Qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija v Dr. Siegfried Borg Cole' deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-23 ta' Dicembru 2003 fejn il-Qorti hemmhekk ghamlet referenza ghal dak li qal il-gurista Luigi Maino fuq il-kuncett tad-dolo necessarju ghal ezistenza ta' dan r-reat.

*(Commento al Codice Italiano UTET (1922) Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):*

*"Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta' Della conversasione con scienza della sua illegittimita', e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di element obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo ( il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni Della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non*

*commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

Permezz tat-tieni mputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat bir-reati ta' truffa u frodi nnominata kontemplati fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali. In tema legali gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby li:

*"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll Il-Pulizija v. Daniel Frendo, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; Il-Pulizija v. Francesca Caruana, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer, App. Krim., 3/3/56)."*

Illi fis-sentenza tat-30 ta' Dicembru 2004 fl-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs Carmela German' il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar il-

fatt jekk gidba semplici ghad-differenza ta' artifizzji u raggiri tistax tigi kkunsidrata bhala frodi nnominata.

> *"Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe' jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe' tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra."*

Illi maghmula din l-espozizzjoni legali dwar ir-reati ta' approprijazzjoni indebita, frodi nnominata u truffa li jinsab akkuzat bihom l-imputat fil-kawza odjerna din il-Qorti ser tghaddi issa sabiex tara jekk il-fatti tal-kaz odjern jinkwadrawx ruhhom fl-imsemmija reati u sabiex tikkunsidra jekk jikkonkorrux l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex jissussistu tali reati.

Ikkunsidrat:

Illi kif diga' ntqal aktar il-fuq mill-provi rrizulta li l-imputat kien impjegat mal-kumpanija Charles Degiorgio Ltd u parti mix-xoghol tieghu bhala sales representative kien li jbiegh prodott partikolari ghal trattament ta' feriti, u cioe' l'hekk imsejjah VAC Maggot Therapy. Dan is-servizz kien isir fl-Isptar Mater Dei u kellu jithallas mill-pazjent li jaghzel li jiehu t-trattament. Mill-provi rrizulta wkoll li meta sehhew il-fatti de quo l-imputat kien qieghed fil-process li jbiddel l-impjieg tieghu bhala medical sales representative minn mal-kumpanija Charles Degiorgio Limited ghal mal-kumpanija Trebee Company Limited liema socjeta' kienet kompetitur dirett tas-socjeta' Charles Degiorgio Limited. Irrizulta inoltre li xi pazjenti kienu qed ihallsu in kontanti jew permezz ta' cheques pagabbli lill-

imputat ghas-servizz tal-VAC Therapy. Jidher li l-kumpanija Charles Degiorgio Ltd li kienet issuplixiet il-magni ghat-terapija maghrufa bhala VAC Therapy ma kinitx qed tithallas ghal dan il-ghan u dan skont kif xehed l-istess Direttur tal-kumpanija David Stellini. L-imputat kien jghidilhom sabiex jibghatu invoices tad-dressings li kienu jigu uzati. Skond Ivan Laferla, impjegat fl-Accounts Section tas-socjeta’ Charles Degiorgio, l-unika invoices li thallsu kienu dawk indikati fil-process a fol 61 et seq. Illi pero’ mill-investigazzjoni li ghamlet il-Pulizija irrizulta li kien hemm aktar persuni li ghamlu uzu minn din it-terapija u li hallsu lill-imputat izda l-fatturi relattivi m’humiex fost dawk esebiti mis-socjeta’ Charles Degiorgio Limited a fol. 61 et sequitur.  Dawn huma Joanne Farrugia li halset aktar minn elfejn Euro ghat-terapija li nghatat lil misserha, Lina Vella u Elizabeth Ellul li wkoll hallsu ghat-terapija li nghatat lill-genituri taghhom.  Is-socjeta Charles Degiorgio Limited qalet li qatt ma rceviet xi pagamenti rigwardanti dawn it-tlett persuni izda min-naha l-ohra ma ngabitx prova li l-materjal supplit sabiex saret it-terapija li rcevew il-genituri ta dawn it-tlett persuni giet effettivament supplita minn Charles Degiorgio Limited. Fil-kaz ta’ Joanne Farrugia rrizulta li l-ammonti li halset kienu ghal materjal supplit minn Trebee Limited (vide xhieda ta’ Albert Buttigieg) fejn il-fatturi relattivi nhargu minn Trebee Limited lil Nova Pharmacy li taghha Joanne Farrugia kienet proprjetarja. Illi ghalhekk f’dan il-kaz ma jistax jinghad li kien hemm approprijazzjoni indebita. Ghalkemm jidher bic-car li l-imputat inqeda b’servizz ta’ kumpanija ohra li kienet kompetitrici diretta tal-kumpanija li kienet qed thaddmu dak iz-zmien dan ma jfissirx li huwa rcieva xi flus ghal materjal supplit min Charles Degiorgio Limited u li kellu jithallas lil Charles Degiorgio Limited u naqas milli jghaddi l-pagamenti relattivi.

Fil-kaz ta' Lina Vella li qalet li hija kienet ghaddiet is-somma ta' mitt Lira Maltin lil Colette Crisp sabiex isir dan it-trattament fejn Crisp ikkonfermat li ghaddiet il-flus lill-imputat u fil-kaz ta' Elizabeth Ellul li hallset b'cheque u kontanti lil-imputat ma ngabitx prova ll il-materjal supplit effettivament kien gie provdut mis-socjeta' Charles Degiorgio Limited. Dan qieghed jinghad minhabba l-fatt li ma gie esebit ebda dokument li jindika li Charles Degiorgio Ltd ikkonsenjat u ssupliet il-materjal u l-oggetti li ntuzaw ghat-terapija ta' dawn il-pazjenti. L-anqas ma ngabet prova li naqas xi stock mill-istess socjeta' minghajr ebda rendikont. Illi ghalhekk isegwi li l-Qorti ma tistax issib htija ghar-reat ta' approprijazzjoni indebita minhabba li ma giex pruvat li l-imputat ircieva u zamm flus ricevuti minnu ghal materjal provdut mis-socjeta' Charles Degiorgio Limited. Kif intqal aktar il-fuq il-fatt li l-imputat ipprovda materjal minghand kumpanija ohra waqt li kien ghadu mpjegat mas-socjeta' Charles Degiorgio Limited ma jfissirx li tirrizulta r-rejita' ghall-approprijazzjoni indebita ghaliex prova li l-imputat ircieva xi pagamenti li kienu effettivament dovuti lil Charles Degiorgio Limited ma ngabitx.

Ghaldaqstant l-imputat mhux ser jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tieni mputazzjoni l-imputat qieghed jigi akkuzat bir-reati ta' truffa u frodi nnominata kontemplati fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali. Fil-mori tal-kawza l-Prosekuzzjoni precizat li din l-imputazzjoni tirreferi ghat-tlett dozi ta' vaccine kontra l-hepatitis li l-imputat inghata b'xejn minn Noel Abela meta huwa ma kienx intitolat ghalihom b'xejn peress li ma kienx impjegat tal-Isptar Mater Dei fejn allura l-istess

Prosekuzzjoni tirritjeni li saret frodi fil-konfronti tal-Gvern ta’ Malta ghas-omma ta’ sittin Ewro, u cioe’ il-prezz ta’ dawn it-tlett injections. Noel Abela li xehed f’dawn il-proceduri spjega b’mod car li huwa kien ta’ l-vaccines lill-imputat minhabba il-fatt li dan kien liebes tag tal-Isptar li tinhareg lill-impjegati u kien akkumpanjat minn persuna ohra li tahdem fl-Isptar. Illi l-imputat isostni li huwa gie mibghut jiehu din il-vaccine mill-konsulent Kevin Cassar peress li huwa kien jaghmel ward rounds mieghu u kien jigi f’kuntatt dirett ma pazjenti b’feriti miftuha. Dan il-konsulent qatt ma ngab jixhed f’dawn il-proceduri izda Noel Abela ikkonferma li l-imputat kien mar sabiex jiehu l-vaccine akkompanjat minn nurse li mill-provi rrizulta li jahdem l-isptar fl-ward tal-konsulent in dizamina. Mill-provi rrizulta wkoll li kull min kien jahdem fl-Isptar Mater Dei, anki jekk mhux impjegat dirett tal-Isptar, kellu jiehu l-injection kontra l-hepatitis izda f’dan il-kaz il-prezz tal-injection kellha tithallas mill-persuni jew socjetajiet li kienu jimpjegaw dawk il-persuni li xoghlhom kien l-isptar izda li ma kienux impjegati tal-Isptar L-imputat isostni li s-socjeta’ li maghha kien jahdem ma kien ikollha l-ebda diffikolta li thallas ghall-vaccines kontra l-hepatitis li kieku saritilha talba f’dan is-sens. Mill-provi prodotti mill-imputat inoltre rrizulta li Noel Abela kien jaf ben tajjeb li l-imputat ma kienx impjegat tal-Isptar izda li huwa kien medical representative. Il-Qorti jidirlha li l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib il-prova li l-imputat kreja xi messa in xena sabiex jikkonvinci lil Abela li huwa kien impjegat tal-Isptar u li kwindi kien intitolat jircievi l-vaccines kontra l-hepatitis bla hlas u l-imputat min-naha tieghu rnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li huwa mar jiehu l-vaccine ghaliex gie mibghut mill-konsulent u akkompanjat min-nurse li baghat mieghu l-istess konsulent u mhux ghaliex kellu l-intenzjoni jiddefrawda lill-Gvern ta’ Malta billi jiehu l-vaccine b’xejn.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------